MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 884/2004

**Middlesea Insurance Plc proprio u kif surrogata, sija bil-polza ta' assigurazzjoni sija bil-ligi, fid-drittijiet tal-assigurat taghha Jonathan Balzan u l-istess Jonathan Balzan**

**Vs**

**Angelo Cutajar**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' Lm761.03c (seba' mija u wiehed u sittin lira Maltin u tlett centezmi) rapprezentanti danni kkagunati f'incident awtomobilistiku li sehh fil-15 ta' Dicembru, 2002 fi Triq Gorg Borg Olivier, San Giljan fejn il-konvenut filwaqt li kien qed isuq il-vettura AAT 607 b'negligenza, mperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku habat fil-vettura LDJ 231 di proprjeta' ta' Jonathan Balzan u assigurata mas-socjeta' attrici.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-atturi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ Lm761.03c (seba’ mija u wiehed u sittin lira Maltin u tlett centezmi), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------